# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 20/2013**

**Caroline Medati (ID 567383M)**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-22 ta' Ottubru 2013, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*'L-Arbitru,*
*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 2 ta' Novembru, 2012.*
*Ra l-appell datat 2 ta' Dicembru, 2012.*
*Ra ir-risposta datata 16 ta' Ottubru, 2013.*
*Ra d-dokumenti kollha pprezentati.*

*Ra rapport imhejji mid-dipartiment ghall-frodi u investigazzjoni dwar beneficcji.*
*Ra lill-appellanti ma dehritx ghas-seduta.*
*Ikkunsidra:*
*Illi fit-2 ta' Novembru, 2012 id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellant kienet thallset zzejjed is-somma ta' €24314.95 f'ghajnuna socjali ghal perjodu bejn id-29 ta' Gunju,2008 sat-23 ta' Novembru, 2012.*
*Illi jirrizulta li minn rapport imhejji mid-dipartiment ghall-frodi u investigazzjoni dwar beneficcji, id-direttur ma setghax ikun sodisfatt illi l-appellanti kienet qed tifforma familja ghar-rasha u/jew tabitha fl-indirizz moghit minnha.*
*Illi skond ir-rapport tad-direttorat tal-frodi u investigazzjoni dwar beneficji ntqal li kienu bdew l-investigazzjonijijet wara zewg telefonati anonimi li l-appellanti kienet qed tghix u tahdem gewwa Sqallija waqt li t-tifel joqghod man-nanniet. Illi meta marru fil-fond fit-28 ta' Settembru, 2012.*
*Rrizulta wkoll illi ghalkemm l-appellanti kienet tiddikjara li hija xebba, hija kienet fil-fatt mizzewga ma certu Ahmed Sadd Ahmed Abouismail. Illi hija kienet izzewgitu gewwa l-Egittu fis-26 ta' Jannar, 2012.*
*Illi galadarba li l-appellanti tirrizulta mizzewwga hija ma tistax tigi kkunsidrata bhala kap tal-familja. Illi ukoll dan it-tibdil fic-cirkostanzi tal-appellanti qatt ma gie rapurtat lid-dipartiment ghas-servizzi socjali.*
*Illi meta l-ispettur zaru l-fond indikat bhala l-indirizz residenzjali tal-appellanti raw illi dan il-fond ma kienx fond abitabbli bhala residenza permanenti. Illi l-bieb ta' barra kien wiehed temporanju u msakkar b'katnazz u li kien ghemm xi apareturi ghahdom 'shell form'. L-arbitru ha konjizzjoni ta' ritratti li ttiehdu tal-fond kif deskritt.*
*Illi rrizulta wkoll illi mill-Arms Limited l-fond in kwistjoni kien ikkonsuma biss tlett units bejn il-perjodu 22 ta' Ottubru, 2008 sat-8 ta' Marzu, 2012.*
*Illi fuq tentattiv iehor li sar mid-Direttorat hawn imsemmi fuq il-post nhar is-17 ta' Ottubru, 2012 fis-06.10a.m., regghu sabu l-fond fl-istess kundizzjoni. Izda din id-darba kienu kisbu n-numru tal-mobile tal-appellanti u cemplulha. Hija kienet identifikat ruhha bhala Caroline Medati u stqarret ukoll illi f'dan il-mument kienet qieghda Sqallija zzur is-sieheb taghha. Fqu it-telefon hija kienet stqarret illi hija kienet qieghda tghix ma ommha u ma kienitx taf illi sabiex tircievi l-ghajnuna socjali trid tkun qieghda tghix fuq bazi permanenti fl-indirizz moghit minnha fl-applikazjoni lid-dipartiment tas-servizzi socjali.*
*L-appellanti msejjha tattendi ghall-appell baqghet ma dehritx.*
*L-arbitru wara li sema' u ra l-provi kollha migjuba quddiemhu huwa tal-fehma illi d-decizjoni tad-Direttur hija gusta u timmerita konferma.*
*Ghal dawn il-mottivi l-appell qed jigi michud.'*

Illi minn din is-sentenza appellat l-appellanti Caroline Medati b'aggravju wieħed illi hija qatt ma ġiet a konjizzjoni tar-risposta tad-Dipartiment għall-appell minnha interpost quddiem l-Arbitru u lanqas ma ġiet mgħarrfa jew notifikata bid-data tas-smiegħ tal-appell tagħha. Tilmenta għalhekk mill-fatt illi hija qatt ma ngħatat l-opportunita tagħmel is-sottomissjonijiet u li tikkkontesta validament id-deċiżjoni tad-Direttur. Hija tilmenta illi dawn il-fatti jwasslu għall-ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali fil-konfront tagħha li ifisser allura illi d-deċiżjoni impunjata ghandha tiġi annullata u l-atti jerġgħu jintbagħtu quddiem l-Arbitru sabiex l-appell jerġa jiġi trattat mill-ġdid.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti :-

L-appellanti kienet benefiċċjarja tal-għajnuna soċjali (SUP), Allowance tat-Tfal kif ukoll il-Benefiċċju tal-Enerġija.

Illi d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali iddeċieda illi l-appellanti kienet tħallset iżejjed is-somma ta' € 24.324.95 c f'għajnuna soċjali għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Ġunju 2008 u t-23 ta' Novembru 2013. Illi d-Direttur kien wasal ghal konkluzjoni, u dan wara rapport tal-ispetturi investigattivi, illi l-appellanti ma kienetx qiegħda tifforma familja għar-rasha u/jew tabita fl-indirizz mogħti minnha. Irriżulta ukoll mill-investigazzjoni tal-ispetturi illi l-appellanti kienet miżewwġa, fatt illi hija naqset illi tiddikjara lid-Direttorat kif ukoll irriżulta illi l-fond indikat bħala l-indirizz residenzjali tal-appellanti ma kienx fond abitabbli.

Illi l-appellanti appellat din id-deċiżjoni tad-Direttur b'appell datat **2 ta' Diċembru 2013**, li għaliħ daħlet risposta tad-Direttur datata **16 ta' Ottubru 2013** li pero qatt ma nġiebet a konjizzjoni tal-appellanti. L-appellanti tgħid illi hija qatt ma ġiet mgħarrfa jew notifikata bid-data tas-smiegħ tal-appell tagħha u għalhekk hija qatt ma ngħatat l-opportunita li tikkontesta validament id-deċiżjoni tad-Direttur. B'hekk hija soffriet ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali fil-konfront tagħha.

Illi jibda sabiex jiġi osservat illi l-aggravju tal-appellanti Caroline Medati huwa wieħed, u mhux tnejn kif jgħid fir-risposta tiegħu id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali. L-uniku aggravju tal-appellanti huwa illi hija ma ġietx mgħarrfa bir-risposta tad-Direttur datata 16 ta' Ottubru 2013 u lanqas bid-data tas-smiegħ tal-appell quddiem l-arbitru fit-22 ta' Ottubru 2013, u dan fil-fehma taghha bi vjolazzjoni tal-ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali fil-konfront tagħha.

Fir-rigward tal-aggravju tal-appellanti illi hija ma ġietx mgħarrfa bid-data tas-smiegħ tal-appell quddiem l-arbitru fit-22 ta' Ottubru 2013, jingħad dan li ġej.

L**-artikolu 108(7)** jistipula hekk:

> **"F'kull każ meta l-Arbitru jiddeċiedi li jisma' appell jew riferenza verbali, għandha tingħata notifika raġonevoli tal-ħin u lok li fih ikun sejjer isir is-smigħ lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ, u lil kull persuna oħra li l-Arbitru jidhirlu li jista' jkollha interess fil-każ, u f'din is-seduta ir-rikorrent jew persuna li lilha tkun ingħatat in-notifika regolari tas-smigħ jistgħu jidhru kemm persunalment jew billi jkollhom rappreżentant li jkun inħatar minnhom biex jidher għalihom."**

Ġie ritenut mill-qrati tagħna hekk : *Koncettwalment, gustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni u l-ħarsien tal-principju baziku essenzjali tas-smiegħ xieraq.* **Schembri Jean Et Vs Queen's Dry Cleaners, AI, 10/01/2003**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-avviz tas-smigh ta'l-appell quddiem l-Arbitru intbaghat lill-appellanti fl-indirizz 33, Pjazza l-Beatu Nazju Falzon, Pembroke. Dan huwa l-indirizz li kien gie indikat mill-appellanti stess fl-applikazzjoni minnha sottomessa lid-Dipartiment *a tempo vergine*. Illi minn hawn titwieled il-presunzjoni legali illi gjaldarba l-ittra giet impustata dina wasslet f'idejn id-destinatarja taghha.

**"F'xi ligijiet specjali, aktarx recenti u modellati fuq legislazzjoni Ingliza, hemm mahluqa, dwar ittri mibghutin bil-posta u specjalment ittri registrati, certi**

**presunzjonijiet rigward ir-ricezzjoni taghhom. Xi drabi dawn il-presunzjonijiet huma prima facie ta' prova kuntrarja u xi drabi konluzivi. ….**

**Jista forsi jinghad illi ghalina wkoll tapplika dik il-prezunzjoni generali li fis-sistema probatorju Ingliz titwieled minn dak li jghidulu *ir-regular course of business in a public office,* bazata fuq il-probabbilita li dak li jsir u jigri s-soltu sar u gara wkoll fil-kaz. Bis-sahha ta' din il-prezunzjoni, anki apparti minn kull disposizzjoni statutorja, fl-Ingilterra, huwa ritenut illi *if a letter properly directed is proved to have been either put into the post office, or delivered to the postman, it is presumed to have reached its destination at the regular time and to have been received by the person to whom it was addressed (ara Taylor – Law of Evidence).*[1]"**

Jirriżulta f'dan il-kaz, u senjatament mir-rapport tal-ufficjali investigattivi tad-Dipartiment illi dan l-indirizz mhuwiex fond abitabbli, tant illi il-konsum tad-dawl u ilma jidher illi huwa wiehed inezistenti. Meta imbaghad l-ispetturi ghamlu indagini mal-Maltapost irrizulta illi l-appellanti kienet ghadha tircevi l-korrispondenza f'dan l-indirizz u li ma kient saret l-ebda talba sabiex il-posta taghha tigi diretta f'xi indirizz alternattiv. Madanakollu meta ikkuntattjata mill-ispetturi hija ikkonfermatilhom li kienet qed tirrisjedi ma'ommha fil-fond 83, Triq San Vincenz Sliema u qatt ma uzat l-indirizz indikat minnha gewwa Pembroke. Fil-fatt minn ezami tad-decizjoni tad-Direttur tat-02 ta' Novembru 2012 hemm indikat fir-rokna tad-dokument illi d-decizjoni kellha tintbaghat fl-indirizz ta' tas-Sliema. Kwindi gjaldarba kien evidenti illi l-appellanti ma kenitx qed tabita fl-indirizz indikat minnha fl-applikazzjoni taghha gewwa Pembroke, l-avvizi tas-smigh tal-appell taghha quddiem it-Tribunal ma kellhomx jintbaghtu gewwa dan l-indirizz, izda fl-indirizz ta' tas-Sliema. Kwindi huwa verosimili illi hija qatt ma kienet giet notifikata bis-smigh ta'l-appell minnha

[1]Francis Vella vs Carmel Caruana deciza 05/06/1959

interpost quddiem l-Arbitru. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2013 quddiem l-Umpire, l-appellanti ma dehritx għal dik is-seduta.

Għaldaqstant, jirriżulta illi l-appellanti, kif sewwa tgħid fl-aggravju tagħha, ma ingħatatx l-opportunita biex tidher quddiem l-Arbitru fid-data tas-smiegħ tal-appell u ma ingħatalhiex l-opportunità li tinstema u li tressaq id-difiża tagħha, peress li hija ma ġietx mgħarrfa sabiex tattendi ghas-seduta

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tat-22 ta' Ottubru 2013 bin-numru UMP 276/13, tirrimanda l-atti quddiem l-Arbitru sabiex l-appell jiġi trattat mill-ġdid, skond il-liġi.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur